Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Priscilla Caruana Lee)

Vs

Emanuel Bianchi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Emanuel Bianchi, iben il-mejjet Alfred u Anna nee' Hayman, imwieled il-Pieta' nhar il-31 ta' Mejju, 1983, u residenti gewwa Flat 6, Patri Wiston Born, Msida u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 287983M.

L-imputat akkuzat talli:

Nhar it-2 ta' Ottubru, 2017 bejn id-disgha ta' filghodu u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (09.00 hrs – 14.00 hrs) fl-inhawi ta' Notre Dame Ditch fil-Floriana u f'dawn il-Gzejjer;

1. Ikkommetta serq ta' stereo minn gewwa l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAG 946 tal-ghamla Peugeot, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Abigail u Mary Louise Muscat u dan bi ksur tal-artikoli 261, 263, 271 u 278 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli irrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Filwaqt li l-Prosekuzzjoni ezebiet ic-certifikat tat-twelid u l-fedina penali ta' l-imsemmi Emanuel Bianchi, qed titlob li dan il-kaz jigi investigat skont il-ligi.

Il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fit-30 ta Ottubru 2018 u tenna l-istess wara li inghata zmien ghar-ripensament u wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.

Rat li b'hekk il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 271, 278, u 259 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta , kif ukoll l-artikoli 49, 50 u tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li l-imputat gie misjub hati b'sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula ;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qed issib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi dedotti kontrih u qieghda tordna li jitqieghed taht ordni ta' probation ghal tlett snin ai termini tal-arikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

Tordna l-hrug ta' ordni ta' Trattament ghal tlett snin stante l-problema tad-droga tal-istess imputat, ai termini tal-arikolu 412D tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti spjegat il-porata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**Dr Yana Micallef Stafrace LL.D, Adv. Trib. Ecc. Melit**

**Magistrat**